**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' ĠUNJU 2020**

**Kawza Numru: 3**

**Rik. Gur. 648/2019 RGM**

**Michael Darmanin (I.D. 307352M) f'ismu proprju U ghan-nom ta' ohtu Francis Spiteri detentrici tal-Passaport numru 881040**

**Emanuel Darmanin (I.D. 34454M)**

**Carmelo Darmanin (I.D. 425850M)**

**Stephen Darmanin (I.D. 475862M)**

**Joseph Darmanin (I.D. 932847M)**

**Maria Carmela sive Charmaine Desira (I.D. 169374M)**

**Leonard Theuma (I.D. 354072M)**

**Grace Darmanin (I.D. 171743M)**

**Susan Hammett nee` Darmanin (I.D. 62672M)**

**Joseph Darmanin (I.D. 336582M)**

**vs.**

**Mary Grech (I.D. 657152M)**

**Carmen Spiteri (I.D. 217577M)**

**Pauline Valletta (I.D. 961950M)**

**Josephine sive Joyce Bugeja (I.D. 11456M)**

**Catherine Aquilina (I.D. 954249M)**

**Direttur Tar-Registru Pubbliku**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat tal-atturi** pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2019 li permezz tieghu ippremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi l-esponenti huma n-neputijiet, u t-tfal tan-neputijiet, ta' Teresa Darmanin.

2. Illi l-imsemmija Teresa Darmanin kienet xebba, ma kellhiex ulied, u kienet tghix flimkien ma zewgt hutha guvintur Francesco Saverio Darmanin u Giuseppe Darmanin. Teresa Darmanin kienet iddur bihom u tiehu hsiebhom.

3. Din Teresa Darmanin ma kienetx mara ta' skola, ma kienetx taf tikteb u taqra u bil-kemm kienet taf tiffirma. Ma kienetx taf tghodd, jew ccempel bit-telephone. Fejn jidhlu flus u proprjeta' din kienet thalli ghal kollox f'idejn hutha sakemm dawn kienu hajjin. Wara li miet huha Giuseppe sahhet Teresa Darmanin bdiet sejra lura sal-punt li anke kienet taghta puplesija. Wara li Fransesco Saverio kien gie nieqes sahhitha kienet marret hafna ghall-aghar.

4. Illi l-ewwel ma miet fost l-ahwa kien Giuseppe Darmanin li miet fid-19 ta' Lulju 2012 (Dok. 'A'). Illi l-imsemmi Giuseppe Darmanin hallha bhala werreita tieghu lil ohtu Teresa Darmanin. Sussegwentement fl-10 ta' Frar 2015 miet ukoll Francesco Saverio Darmanin (Dok. 'B') li skond r-ricerki li saru (Dok. 'C') fuqu jidher li miet testat bit-testment in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool, bin-nota tal-insinwa relattiva bin-Numru T/8725/2009. Illi minkejja li dan it-testment jidher li hu insinwat, meta l-esponenti ppruvaw jottjenu kopja tal-istess minghand in-Nutar tal-Gvern gew infurmati illi dan it-testment qatt ma gie depozitat hemmhekk. Ghalhekk, l-esponenti kienu kostretti jottjenu kopja tal-istess Testment minghand in-Nutar Vanessa Pool, kopja ta' liema testment hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'D'. Illi mill-kopja li ghaddiet in-nutar Pool lill-esponenti jidher illi l-imsemmi Francesco Saverio Darmanin istitwixxa bhala werrieta tieghu lil Teresa Darmanin.

5. Illi lejn l-ahhar ghaxar snin ta' hajjet Teresa Darmanin, wara li bdew jmorru lura hut Teresa Darmanin, u cioe' Giuseppe Darmanin u Francesco Saverio Darmanin, l-intimata Mary Grech kienet tghaddi xi zmien fid-dar taghhom f'77, Pretty Bay, Birzebbugia, taht il-preteza li qed trendilhom servigi.

6. Illi l-imsemmija Teresa Darmanin mietet xebba nhar l-10 ta' Jannar 2016 (Dok. 'E').

7. Illi wara mewtha rrizulta li l-imsemmija Teresa Darmanin kienet ghamlet zewg testmenti u cioe' dawk insiwati bin-numru T/12903/2012 u kif ukoll dak insinwat bin-numru T/4725/2013, u dan fi zmien tmien xhur minn xulxin. (Kopja tar-ricerki testamentarji taghha huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'F' u l-kopji tat-testmenti Dok. 'G' u Dok. 'H')

8. Illi fl-ewwel min dawn it-testment, u cioe' dak insinwat bin-numru T/12903/2012 datat l-1 t'Awwissu 2012:

*'it-testatrici thalli b'titolu ta' legat a favur ulied hutha gia naxxenti ikoll ndaqs bejniethom s-sehem illi t-testatrici ghandha mill-imhazen li jinsabu gewwa l-Marsa gewwa Mall il-Braken, bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom…Salv il-premess it-testatrici qieghda tinnomina u tistitwixxi bhala eredi universali u padruna asoluta tal-gid taghha kollu ghal wara mewtha lin-neputija taghha Mary mart Thomas Grech bis-sostituzjoni favur uliedha f'kaz ta' premorjenza'.*

9. Illi fit-tieni testment taghha, u cioe' dak insinwat bin-numru T/4725/2013 it-testatrici Teresa Darmanin qabel xejn hassret u rrevokat kull testment li setghet ghamlet qabel dak u imbghad iddisponiet kif isegwi:

*'L-Ewwel Artikolu*
*It-testatrici qieghda thalli b'legat a favur l-ahwa Darmanin u cioe' Michael, Emanuel, Charlie, Pawlu u Stephen u Joseph, Frances Spiteri kwantu ghal ottava (1/8) kull wiehed filwaqt illi l-ottava rimanenti a favur Charmain u Lennart li jigu ulied il-premorta May, l-awha Darmanin jigu ulied Angelo u Saveria nee' Desira, bis-sostituzzjoni favur uliedhom u in mankanza bl-akkrexximent u cioe' il-fond numru wiehed u tnejn (1,2) Sqaq il-Pont Marsa, sitta u sebgha (6,7) Sqaq il-Pont Marsa u numru erbgha u hamsin (45) Lighters Wharf Marsa. Dan kollu bis-sostituzzjoni favur uliehom.*

*It-tieni Artikolu,*

*It-testatrici thalli b'titolu ta' legat a favur l-ahwa Bartolo u cioe' Carmen, Pauline, Joyce, Catherine u Mary ilkoll ahwa ulied il-mejjet Joseph Bartolo u Maria nee' Darmanin kwantu ghal kwinta (1/5) indiviza kull wiehed bis-sostituzzjoni favur uliedhom il-fondi numru erbghin (40), wiehed u erbghin (41), tnejn u erbghin (42), tlieta u erbghin (43), erbgha u erbghin (44) Lighters Wharf, Marsa.*

*It-tielet Artikolu*

*It-testatrici salv il-premess qed tinnomina u tikkostitwixxi bhala eredi universali taghha padruna assoluta tal-gid taghha kollu ghal wara mewtha lil Mary mart Thomas Grech bis-sostituzzjoni favur uliedhom f'kaz ta' premorjenza.'*

10. Illi wara li mietet Teresa Darmanin, l-atturi f'din il-kawza kienu bdew jippruvaw javvicinaw lin-Nutar Pool sabiex jkun jista' jinqara t-testment ta' Teresa Darmanin, madanakollu n-nutar ghaddietilhom kopja traskritta ta' dan it-testment insinwat bin-numru T/4725/2013 (Dok. 'I').

11. Illi ghal din ir-raguni l-atturi f'din il-kawza kienu hasbu sabiex jordnaw ir-ricerki testamentarji tal-imsemmija Teresa Darmanin huma stess u ordnaw il-kopji ta' dawn it-testmenti minghand in-Nutar tal-Gvern. Wara li ordnaw dawn il-kopji rrealizzaw illi l-fondi sitta u sebgha (6,7) Sqaq il-Pont Marsa ma kienux gew indikati f'din il-kopja traskritta li kienet ghaddietilhom in-Nutar Pool.

12. Illi meta ndunaw b'dan huma ppruvaw javvicinaw lin-Nutar li ma riedetx tisma' u ghalhekk kellhom jippruvaw jikkuntattjawha tramite l-avukati taghhom. L-ewwel ma kitbulha kienu tramite l-Avukat Michael Grech illi permezz tal-ittra datata 12 t'Ottubru 2016 kien talab ghal laqgha man-nutar. Wara li ghal numru ta' xhur ma kien gara xejn l-esponenti kienu biddlu l-avukati taghhom u ingaggjaw lil Dr Anna Mallia li min-naha taghha kienet kitbet lin-Nutar Pool sabiex ssir l-immissjoni fil-pussess tal-fondi li gew mhollija b'legat, inkluz il-fondi 6 u 7 Sqaq il-Pont (Dok. 'J').

*13.* Illi b'risposta ghal dan kienet kitbet lura n-Nutar Pool lil Dr Mallia fejn espressament tghidilha '*ma nafx minn fejn irrizultalek li 6 u 7 thalla lil ahwa Darmanin (klijenti tieghek) ghaliex jien ergajt qrajt it-testment kwotat minnek u dawn mhux imsemmija u cioe jfisser li 6 u 7 sqaq il-pont gie mholli lil eredi li fil-fatt gia thallset id-denunzja fuqu s-sena l-ohra'.* (Dok. 'J')

14. Illi madanakollu meta imbaghad konfrontata bil-kopja ta' dan it-testment li kienet giet mibghtua lin-Nutar tal-Gvern in-Nutar Pool accettat illi kellha ssir l-immissjoni fil-pussess ta' dawn iz-zewg fondi ukoll.

15. Illi dan kollu jixhet dubbju serju fuq t-testmenti ta' Teresa Darmanin ghaliex mill-korrispondenza skambjata kien car li n-Nutar Pool, li kienet in-Nutar li kienet ippublikat it-testmenti ta' Giuseppe, Francesco Saverio u kif ukoll iz-zewg testmenti ta' Teresa Darmanin ma kienetx qed tissalvagwardja l-interessi tal-werrieta u tal-legatarji b'mod ugwali.

16. Illi barra minn hekk, u skond ma jidher mill-kopji tat-testmenti ta' Teresa Darmanin, b'kumbinazzjoni liema bhalha, wiehed mix-xhieda ta' dan it-testment certu Emanuel Cilia inzerta xhud fuq dawn iz-zewg testmenti, minkejja li dakinhar tat-tieni testment Cilia kellu l-eta' venerabbli ta' 79 sena. Tajjeb jinghad li dan Emanuel Cilia kien ukoll x-xhud fuq it-testment ta' Francesco Saverio Darmanin, u li b'kumbinazzjoni ohra, it-tieni wahda, kien jigi z-ziju ta' Thomas Grech, ir-ragel tal-intimata Mary Grech, li eventwalment wirtet kollox.

17. Illi dan maghdud, tajjeb li wiehed jirrimarka ukoll illi l-firem fuq iz-zewg testmenti ta' Teresa Darmanin m'ghandhomx x'jaqsmu la ma xulxin u wisq inqas mal-firem li kienet taghmel Teresa Darmanin fuq atti u dokumenti ohrajn.

18. Barra minn hekk sallum sa fejn jafu l-esponenti, it-testment ta' Francesco Saverio Darmanin, u kif ukoll il-causa mortis li kienet ghamlet Teresa Darmanin bin-numru tal-insinwa I 2897/2013 datata 20 ta' Frar 2013 wara l-mewt ta' Giuseppe Darmanin, zewg atti ppublikati min-Nutar Vanessa Pool, ghadhom ma gewx depozitati man-Nutar tal-Gvern.

19. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke kieku ghall-grazzja tal-argument hija verament sabet mezz taghmel dan it-testment, id-decuius Teresa Darmanin ma kienetx f'kundizzjoni fizika u mentali li taghmel testment;

20. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke kieku dawn iz-zewg testmenti kienu genwini, kif ser jigi trattat ahjar tul din il-kawza ghandu jigi ppruvat li dan it-testment ma setax sar hlief bi frodi, qerq, ingann, u/jew theddid;

Ghaldaqstant, prevja li din l-Onorabbli Qorti taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidrulha xierqa u opportuni, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li t-testmenti redatti fl-1 ta' Awwissu 2012 u fit-3 t'April 2013 min-Nutar Dottor Vanessa Pool huma foloz, fazulli, mhux awtentici, u/jew saru minn persuna mhux kapaci taghmel testment, u/jew sar bi frodi, qerq, ingann u/jew theddid u minacci, u li fi kwalunkwe kaz dak li hemm miktub f'dan it-testment ma jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda hielsa ta' Teresa Darmanin;

2. Tiddikjara li t-testmenti redatti fl-1 ta' Awwissu 2012 u fit-3 t'April 2013 min-Nutar Dottor Vanessa Pool bhala null u bla ebda effett fil-ligi;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jagixxi skond dawk il-provvedimenti kollha li dik il-Qorti jidhrilha xierqa u necessarji li taghti lilu fic-cirkostanzi sabiex l-atti tar- Registru Pubbliku jkunu jirrispekkjaw il-verità tal-fatti kif stabbiliti fil-kawza odjerna;

4. Tiddikjara li l-partijiet kollha f'din il-kawza, salv ghad-Direttur tar-Registru pubbliku, huma lkoll werrieta ta' Teresa Darmanin.

5. Tordna lill-Mary Grech biex fi zmien qasir u perentorju tirrimetti fil-pussess ta' l-atturi dik il-proprjetà kollha, mobbli u immobbli, formanti l-eredità ta' Teresa Darmanin;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-**risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku** prezentata fil-21 t'Awwissu, 2019 fejn jinghad kif gej:

1. Illi l-esponenti teċċepixxi illi ma hijiex edotta mill-fatti hekk kif inhuma ddikjarati fir-rikors ġuramentat;

2. Illi bla ħsara għal premess, l-esponenti teċċepixxi illi huwa ċar li l-involviment jew parteċipazzjoni tagħha fil-każ in deżamina kien limitat biss għall-insinwazzjoni tat-testmenti pubbliċi ta' Teresa Darmanin, liema ċertifikati tal-imsemmija testmenti pubbliċi jġibu n-numru ta' insinwa T/12903/2012 u T/4725/2013, u jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1' u 'Dok. DRP 2' rispettivament;

3. Illi testmenti pubbliċi surreferiti ġew irreġistrati in konformita' mad-disposizzjonijiet tal-liġi, ċioe' skont il-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku (Kapitolu 56 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. Illi in vista tas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti l-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti tenut kont lir-rwol tiegħu;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li qegħdin jiġu inġunti minn issa in subizzjoni.

Rat ir-**risposta guramentata tal-konvenuti l-ohra** pprezentata fl-10 ta' Settembru, 2019 fejn jinghad kif gej:

1. ILLI preliminarjament jiġi rilevat li r-Rikors Ġuramentat tal-atturi huwa irritu u null a tenur tal-Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* illi dan ma fihx: i) "dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża" a tenur tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta,

kif ukoll ii) indikazzjoni u spjegazzjoni tar-"raġuni tat-talba" *ai termini* tal-Artikolu 156(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema nuqqasijiet jippreġudikaw id-drittijiet ta' difiża tal-esponenti *in limine litis - electa una via non datur recursus ad alteram.*

Dan, stante li, minn qari tal-istess Rikors Ġuramentat teżisti konfużjoni, u, fil-fatt, m'huwiex ċar jekk l-atturi qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom fuq allegata inkapaċità tat-testatriċi [*vide* l-paragrafu bin-numru dsatax (19) tar-Rikors Ġuramenat], fuq allegat vizzju fil-kunsens tagħha [*vide* l-paragrafu bin-numru għoxrin (20) tar-Rikors Ġuramentat], jew, saħansitra fuq il-fehma tagħhom li "t-testmenti redatti fl-1 ta' Awissu 2012 u fit-3 ta' April 2013 min-Nutar Dottor Vanessa Pool huma foloz, fażulli, mhux awtentiċi" [*vide* l-ewwel (1) talba kontenuta fir-Rikors Ġuramentat tal-atturi], liema allegazzjonijiet kontradittorji, min-natura tagħhom stess, jirrekjedu provi u eċċezzjonijiet ta' natura u ta' portata għal kollox differenti minn xulxin.

F'dan ir-rigward, jiġi rrilevat li, fir-Rikors Ġuramentat tagħhom, l-atturi naqsu, għal kollox, milli jindikaw, jew milli jagħtu xi ħjiel dwar min, fil-fehma tagħhom, setà wettaq "frodi, qerq, ingann, u/jew theddid" fil-konfront tat-testatriċi, liema nuqqas, fih innifsu, jippreġudika d-dritt tal-konvenuti, jew min minnhom, li jiddefendu ruħhom kif imiss f'dan l-istadju tal-proċedimenti ġudizzjarji odjerni.

2. ILLI, mingħajr preġudizzju u in sostenn għall-ewwel (1) eċċezzjoni suesposta, jiġi rilevat li r-Rikors Ġuramentat tal-atturi huwa irritu u null a tenur tal-Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* illi dan ma fihx: i) "dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża" a tenur tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ii) indikazzjoni u spjegazzjoni tar-"raġuni tat-talba" *ai termini* tal-Artikolu 156(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema nuqqasijiet jippreġudikaw id-drittijiet ta' difiża tal-esponenti *in limine litis - electa una via non datur recursus ad alteram.*

Dan, in vista tal-fatt li teżisti inkompatibilità ġuridika bejn l-ewwel (1), it-tieni (2) u l-ħames (5) talba, kif dedotti fir-Rikors Ġuramentat tal-atturi, stante li huwa ġuridikament inkonċepibbli li wieħed jattakka l-validità ta' testament/i, u fl-istess nifs, jitlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-konvenuta Mary Grech, *ossia* l-eredi universali indikatia mit-testatriċi, sabiex timmitti lill-atturi fil-pussess tal-propjetà immobbli mħollija lill-istess atturi *ai termini* tal-istess testmenti li huma qed jipprovaw jimpunjaw bħala nulli u invalidi.

3. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u filwaqt li jżommu ferm il-kontestazzjoni tagħhom kontenuta fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) eċċezzjoni suesposta, jiġi rrilevat li, fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti kellha tilqà jew tikkunsidra dawn eċċezzjoni ta' natura preliminari u proċedurali, l-atturi għandhom, fi kwalunkwe kaz, *in limine litis*, u qabel il-bidu tas-smiegħ tal-provi, jindikaw u jiċċaraw in-natura u l-bażi legali tal-azzjoni u tal-pretensjonijiet tagħhom. Dan, sabiex l-atturi, sa mill-bidu tal-procedimenti ġudizzjarji odjerni, ikunu jistgħu jitqiegħdu f'qagħda li jiddefendu ruħhom mill-allegazzjonijiet vantati fil-konfront tagħhom, u dan mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet ta' difiża tagħhom.

F'dan ir-rigward, l-esponenti qegħdin jirriżervaw ukoll id-dritt spettanti lilhom li jressqu eċċezzjonijiet u linji difensjonali ulterjuri ġaladarba u fl-eventwalità li kellha tiġi pprovduta d-debita kjarifika f'dan ir-rigward.

4. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u filwqt li jżommu ferm il-kontestazzjoni tagħhom relattiva għan-nullità tar-Rikors Ġuramentat tal-atturi, l-esponenti jirrilevaw li, fi kwalunkwe każ, fl-eventwalità li ma kellhomx jintlaqgħu l-ewwel (1) u/jew it-tieni (2) eċċezzjoni suesposta, din l-Onorabbli Qorti għandha, fi kwalunkwe każ, tordna lill-atturi sabiex jottempraw ruħhom ma' dak rikjest mill-Artikolu 156(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante li huma naqsu milli jipprovdu l-indikazzjoni rikjesta mill-Artikolu 156(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, *ossia* l-indikazzjoni tal-ismijiet sħaħ, kif ukoll tal-fatti u tal-provi li bi ħsiebhom jagħmlu permezz tax-xhieda indikati minnhom.

5. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ġaladarba, fir-Rikors Ġuramentat tagħhom l-atturi għażlu li jagħmlu numru ta' allegazzjonijiet intrinsikament konnessi mal-qadi tad-dmirijiet tan-Nutar Dottor Vanessa Pool [*vide,* senjatament, il-paragrafu bin-numru ħmistax (15) tar-Rikors Ġuramentat], jiġi rrilevat li l-ġudizzju m'huwiex wieħed integru.

Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, is-smiegħ tal-proċedimenti odjerni m'għandux jinbeda qabel ma jiġi integrat l-istess ġudizzju.

6. ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rrilevat li l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku sabiex jippromwovu l-azzjoni tagħhom, u dan in vista tal-konklużjoni, kif ukoll tal-kontenut innifsu tal-iskrittura datata tlettax ta' April tas-sena elfejn u sbatax (13.04.2017) **('Dok. MG 1')** relattiva għall-immissjoni fil-pussess fil-proprjetajiet imħollija lilhom b'titolu ta' legat, *ossia* għar-rigward tal-proprjetajiet immobbli hemm identifikati bħala "a. [i]l-fondi numru wiehed u tnejn (1,2) Sqaq il-Pont Marsa"; b. il-fondi sitta u sebgha (6,7) Sqaq il-Pont Marsa; c. il-fond numru hamsa u erbghin (45) Lighters Wharf Marsa". Għaldaqstant, l-atturi akkwijexxew għat-termini u għall-implikazzjonijiet naxxenti mit-testment datat tlieta ta' April tas-sena elfejn u tlettax (03.04.2013) u, fil-fatt, fl-imsemmija skrittura l-partijiet kienu ddikjaraw li "<u>[i]l-legatarji jaccettaw u b'hekk il-partijiet jaghtu lil xulxin kwisttanza mill-aktar ampja u assoluta</u>."

F'dan ir-rigward, jiġi rrilevat ukoll li l-kwistjonijiet imqanqla mill-atturi permezz tal-ittra legali tagħhom datata tnax ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (12.10.2016) [annessa mar-Rikors Ġuramentat tal-atturi u hemm immarkata bħala **'Dok. J'**, kif deskritta fil-paragrafu bin-numru tnax (12) tal-istess Rikors Ġuramentat], fil-fatt, ġew sorvolati permezz tal-konklużjoni tal-imsemmija skrittura.

7. ILLI l-konvenuti Carmen Spiteri Pauline Valletta Josephine *sive* Joyce Buġeja, Catherine Aquilina m'humiex il-leġittimu kontradditturi għat-talbiet tal-atturi, kif dedotti, u, għaldaqstant, għandhom jiġu liberati mill-osservanza

tal-ġudizzju. Dan stante li huma ma ġewx istitwiti bħala legatarji, u wisq inqas bħala eredi tat-testatriċi Teresa Darmanin.

8. ILLI, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti, għar-rigward tal-mertu tal-proċedimenti ġudizzjarji odjerni jiġi rrilevat li l-pretensjonijiet u t-talbiet tal-atturi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u, għaldaqstant, għandhom jiġu miċħudha bl-ispejjeż a karigu tagħhom. F'dan ir-rigward, jiġi rrilevat ukoll li l-esponenti qegħdin jiċħdu kwalunkwe allegazzjoni li t-testatriċi Teresa Darmanin setgħet ma kellhiex il-kapaċità neċessarja jew l-użu tal-fakultajiet mentali meħtieġa sabiex tagħmel it-testment datat 3 ta' April, 2013, kif ukoll l-allegazzjoni li l-kontenut tal-istess setà kien il-prodott ta' vizzju fil-kunsens tagħha, u dan kif se jirriżulta waqt is-smiegħ tal-proċedimenti ġudizzjarji odjerni.

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat illi waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 gie ddikjarat minn din il-Qorti li jehtieg li l-ewwel jigu trattai u decizi l-eccezzjonijiet preliminari innumerati 1 sa 4;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-28 ta' Novembru 2019[1];

Rat illi l-atturi u d-Direttur tar-Registru Pubbliku nonostante li inghataw l-opportunità jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom, dawn naqsu milli jaghmlu dan;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, liema trattazzjoni giet ukoll traskritta[2];

[1] Pagna 68 tal-process.
[2] Pagna 82 tal-process.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Mary Grech et.

Ikkonsidrat;

L-azzjoni mressqa mill-atturi tirrigwarda l-wirt ta' Teresa Darmanin li mietet xebba fl-10 ta' Jannar 2016. Minn ricerka li saret mill-atturi ghand in-Nutar tal-Gvern irrizulta li s-Sinjura Darmanin kienet ghamlet zewg testmenti, wiehed fl-1 t'Awwissu 2012 u iehor fit-3 t'April 2013 u iddisponiet mill-assi taghha kif deskritt fit-tmien u d-disa' premessa tal-atturi. Mill-verzjoni traskritta mibghuta lill-atturi min-Nutar Vanessa Pool irrizulta li kien hemm diskrepanza dwar il-fond 6 u 7, Sqaq il-Pont, Marsa, fejn dan il-fond filwaqt li kien jidher fit-testment miktub bl-idejn konservat ghand in-Nutar tal-Gvern, dan l-istess fond ma kien jissemma xejn fil-kopja traskritta. Fir-rikors promotur hemm premess li l-atturi, permezz tal-avukat tal-fiducja taghhom, ikkonfrontaw lin-Nutar dwar din id-diskrepanza, fejn filwaqt li n-Nutar ghall-ewwel cahdet li l-fond 6 u 7, Sqaq il-Pont, Marsa kien gie mholli b'legat lill-ahwa Darmanin; izda meta giet ri-infaccata bil-kopja tat-testment migbura minghand in-Nutar tal-Gvern hija accettat li kellu jsir l-immissjoni fil-pussess ta' dawn iz-zewg fondi wkoll.

L-atturi jsostnu li b'dan l-attegjament in-Nutar Pool naqset milli tissalvagwardja l-interessi tal-werrieta u tal-legatarji b'mod ugwali. Jaghmlu ukoll osservazzjonijiet rigwardanti x-xhud li kien prezenti ghaz-zewg testmenti ta' Teresa Darmanin, cioe ragel ta' eta avvanzata u li kien jigi iz-ziju ta' Thomas Grech, ir-ragel tal-konvenuta Mary Grech, li eventwalment wirtet kollox. Dwar dawn it-testmenti jghidu wkoll li l-firem fuq iz-zewg testmenti m'ghandhomx x'jaqsmu ma' xulxin u wkoll li ma kienux jaqblu ma' firem li kienet taghmel Teresa Darmanin fuq atti u dokumenti ohra.

L-atturi jippremettu wkoll illi anke jekk ghas-sahha tal-argument jirrizulta illi d-decujus iffirmat it-testmenti inkwistjoni; isostnu illi minghajr pregudizzju ghall-premessi precedenti illi hija ma kinitx f'kapacità fizika u mentali li taghmel dawn it-testmenti.

Finalment jghidu wkoll li anke jekk it-testmenti huma genwieni, dawn saru b'qerq, frodi, ingann u/jew theddid.

Minn dawn il-fatti jirrizulta ghalhekk li l-azzjoni hija bbazata fuq tlett premessi:

a. It-testmenti huma foloz ghaliex m'humiex awtentici u mhux iffirmati minn Teresa Darmanin;
b. Jekk it-testmenti huma ffirmati minn Teresa Darmanin, dawn saru meta hija ma kinitx kapaci fizikament u mentalment li taghmilhom;
c. Anke jekk kienet kapaci, Teresa Darmanin giet imgeghla taghmel dawn it-testmenti bi frodi, qerq, ingann, theddid jew minacci u li ma sarux skont l-intenzjoni tas-Sinjura Darmanin.

Il-konvenuti min-naha taghhom qeghdin jirribattu billi ssollevaw is-segwenti eccezzjonijiet preliminari:-

**L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari**.

*1.ILLI preliminarjament jiġi rilevat li r-Rikors Ġuramentat tal-atturi huwa irritu u null a tenur tal-Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi dan ma fihx: i) "dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża" a tenur tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ii) indikazzjoni u spjegazzjoni tar-"raġuni tat-talba" ai termini tal-Artikolu 156(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema nuqqasijiet jippreġudikaw id-drittijiet ta' difiża tal-esponenti in limine litis - electa una via non datur recursus ad alteram.*

*Dan, stante li, minn qari tal-istess Rikors Ġuramentat teżisti konfużjoni, u, fil-fatt, m'huwiex ċar jekk l-atturi qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom fuq allegata inkapaċità tat-testatriċi [vide l-paragrafu bin-numru dsatax (19) tar-Rikors Ġuramenat], fuq allegat vizzju fil-kunsens tagħha [vide l-paragrafu bin-numru għoxrin (20) tar-Rikors Ġuramentat], jew,*

*saħansitra fuq il-fehma tagħhom li "t-testmenti redatti fl-1 ta' Awissu 2012 u fit-3 ta' April 2013 min-Nutar Dottor Vanessa Pool huma foloz, fażulli, mhux awtentiċi" [vide l-ewwel (1) talba kontenuta fir-Rikors Ġuramentat tal-atturi], liema allegazzjonijiet kontradittorji, min-natura tagħhom stess, jirrekjedu provi u eċċezzjonijiet ta' natura u ta' portata għal kollox differenti minn xulxin.*

*F'dan ir-rigward, jiġi rrilevat li, fir-Rikors Ġuramentat tagħhom, l-atturi naqsu, għal kollox, milli jindikaw, jew milli jagħtu xi ħjiel dwar min, fil-fehma tagħhom, setà wettaq "frodi, qerq, ingann, u/jew theddid" fil-konfront tat-testatriċi, liema nuqqas, fih innifsu, jippreġudika d-dritt tal-konvenuti, jew min minnhom, li jiddefendu ruħhom kif imiss f'dan l-istadju tal-proċedimenti ġudizzjarji odjern*i.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 789 (1) (c) tal-Kapitolu 12** jipprovdi li

***"(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista'tingħata -***
***[...]***
***(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;"***

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza **Amarcord Limited vs. Rita Schembri et** (Rik Gur 498/2014 JRM) deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-23 ta' Jannar 2010 fejn il-Qorti iddeliberat dwar eccezzjoni simili ghal dik in dizamina:

"Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullità mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju

jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta [Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarità essenzjali" u mhux partikolarità kwalsijasi. Biex partikolarità f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali [P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***];

Illi, f'waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: *". . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, il-għaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . . "* [App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: XXXIII.i.535, a fol. 538)];

Illi jidher li hija ħaġa iebsa li tgħid b'regola minn qabel liema huma dawk l-azzjonijiet multipli li ma joqogħdux flimkien: il-kejl xieraq hu li l-kwestjoni titqies minn każ għal każ;

> Illi ma hemm l-ebda dubju li, minkejja x-xejriet x’aktarx prattiċi u utilitarji li l-qrati jidher li jieħdu biex, kemm jista’ jkun, kawża tkun salvata u azzjoni titqies fil-merti sewwa tagħha, jibqa’ dejjem il-fatt li l-liġi għadha tagħraf li xi azzjonijiet ma jistgħux joqogħdu flimkien. Il-parti attriċi ma jindaħlilha ħadd fl-għażla tagħha liema azzjoni trid tmexxi ’l quddiem, iżda hemm għażliet li ma jħallux lil dik il-parti titfa’ kollox f’qoffa waħda bit-tama li xi ħaġa tajba toħroġ minnha.”

Ma’ l-Artikolu 789 (1)(c), il-konvenuti jabbinaw l-Artikolu 156 (1)(a) u (b). Il-konvenuti Mary Grech et isostnu illi r-rikors guramenat huwa null peress li iqisu li m’ghandux dikjarazzjoni li tfisser b’mod car u sewwa l-oggett tal-kawza u wkoll li ghandu nieqes spjegazzjoni tar-raguni tat-talba. Gie ritenut illi F’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet "**K.B. Real Estate Ltd. vs Silvio Felice Ltd.**"(Citaz 484/2002JRM):-

> “Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma’ dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta’ li tkun tista’ tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta’ min iħarrikha [Ara, per ezempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawza fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)]**;
>
> Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta’ deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita’ tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta’ ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x’aktarx sintesi ta’ jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b’interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m’hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni

tal-azzjoni [P.A.: **9.3.1965** fil-kawza fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi [App. ~iv.: **20.2.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**). Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa [App. ~iv.: **22.5.1967** fil-kawza fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawza fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija.]"

Dejjem kienet il-posizzjoni tal-Qrati nostrani li r-rikors li jaghti bidu ghall-azzjoni ghandu, safejn possibbli, jkun salvat u, ghalkemm kien hemm istanzi fejn il-Qrati ma kellhomx triq ohra ghajr jiddikjaraw l-azzjoni nulla, il-Qrati ghamlu dan b'kawtela. Tant huwa l-kaz li l-**proviso tal-Artikolu 789** jipprovdi li

"Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi"

Issir referenza ghall-**Artikolu 175 tal-Kapitolu 12** li jipprovdi dwar meta jistghu isiru tibdiliet jew ziedet diment li dawn il-bidliet ma jbiddlux in-natura tal-azzjoni.

Ikkunsidrat;

L-ewwel eccezzjoni hija msejsa fuq is-sottomissjoni li r-rikors ma jispjegax b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza kif rikjest taht l-Artikolu 156 (1)(a) tal-Kapitolu 12 u wkoll li r-rikors ghandu nieqes spjegazzjoni tar-raguni tat-talba ai termini tal-Artikolu 156 (1)(b) tal-Kapitolu 12. Il-konvenuti jispjegaw oltre din l-eccezzjoni billi jghidu li hemm konfuzjoni fil-premessi u t-talbiet u dan ghaliex jidher li l-atturi ma kienux jafu jekk ghandhomx jibbazaw l-azzjoni

taghhom fuq (a) allegat inkapacita mentali u fizika ta' Teresa Darmanin, (b) fuq allegat vizzju fil-kunsens taghha, jew (c) jekk it-testmenti humiex foloz, fazulli u mhux awtentici. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti spjegaw li kif inhu redatt ir-rikors promotur jaghti lok sabiex jitressqu provi kompletament kontradittorji ghaliex jehtieg li l-atturi juru li t-testatrici kienet inkapaci taghmel testment izda fl-istess hin kellha l-kapacita mentali. Ghalhekk isostnu li ghandha tapplika l-massima legali *electa una via non datur recursus ad alteram*.

Waqt it-trattazzjoni l-atturi tramite l-avukat taghhom issottomettew illi sta ghalihom li jgibu l-provi mehtiega sabiex jissostanzjaw l-azzjoni taghhom. Jghidu wkoll li dak li huwa importanti huwa li t-talbiet isegwu dak li inghad fil-premessi. Gie sottomess ukoll li xejn mhu minnu li hemm kontradizzjoni u dan ghaliex it-talbiet kif inhuma ma jeskludux lil xulxin: "Jien qed nghid illi kien hemm problema bl-awtenticita ta' dawk it-testmenti. Apparti minn hekk il-persuna li ghamlet it-testmenti hemm dubju serju anzi jien qed nghid li ma kinitx kapaci taghmel dawk it-testment u li biex ghamlet dak it-testment, ma kinitx hielsa mela allura m'hemmx kontradizzjoni ghaliex f'kull kaz dak it-testment ma jirriflettix il-volonta hielsa taghha."[3]

Din il-pożizzjoni hija in linea mad-decide tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **John Pace noe et v. Carmela Chircop** (deċiża fl-4 ta' Ġunju 1964), u cioe` li għalkemm jista' jidher li hemm kontradizzjoni bejn l-allegazzjoni tal-inkapaċita` mentali tat-testatur u l-allegazzjoni tal-kaptazzjoni u s-suġġestjoni, (in kwantu tal-ewwel tippresupponi n-nuqqas ta' *sana mens* u tat-tieni tippresupponi li fil-fatt kien hemm *sana mens*) tali kontradizzjoni hija waħda biss apparenti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili irrikonoxxiet li apparti mill-inkapaċita` mentali *per se,* għandu jiġi kkonsidrat l-indeboliment mentali u fiżiku in kwantu jpoġġi lill-persuna iktar fil-mira tad-dolo:-

> *"ma hemm xejn kuntrarju li l-kapitazzjoni u s-suġġestjoni jiġu pprospettati bħala ipotesijiet subordinati fil-każ ta' nuqqas ta' verifika*

[3] Pagna 84 tal-process.

*tal-ipotesi iżjed gravi tal-infermita` mentali; għaliex, kif jgħid ir-Ricci, 'alla facolta` di testare e` necessario che si accoppi una volonta` efficace'. Hekk infatti sar fis-sentenza Imbroll vs Moughliett, Koll. Vol. XXIV.i.793 u fis-sentenzi taljani Nri 538 sal-548 ċitati fir-Raccolta ta' Gurisprudenza tal-Fadda, Vol III taħt l-Artikolu 762-763, li kif huwa risaput jikkomentaw leġislazzjoni simili għal tagħna. Għalhekk il-kontradizzjoni bejn it-tlett motivi li jaqgħu fl-ewwel kategorija fuq imsemmija hija biss apparenti u huwa wkoll floku, skont l-imsemmija sentenza Imbroll vs Moughliett, li l-indeboliment mentali u fiżiku jiġi kkonsidrat, apparti mill-inkapaċita`, anke bħala element tal-attrazzjoni iżjed faċli tad-dolo."*

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti tibda billi tosserva li fil-kaz odjern johrog car li l-ilment tal-konvenuti ma jaqax fil-parametri ta' nuqqas procedurali, imma huwa wiehed sostantiv, fis-sens illi l-kontestazzjoni fl-ewwel eccezzjoni ma tintrabatx mas-sura tal-att gudizzjarju. Kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet kif ukoll fit-trattazjoni tal-legali taghhom il-konvenuti jinsistu li l-premessi u t-talbiet – ghalkemm fil-verità it-talbiet qeghdin jirflettu l-kawzali – huma kontradittorji u dan ghaliex ma jistax wiehed ma jkunx san mentalment sabiex jaghmel testment imma imbaghad fl-istess nifs jinghad li t-testatur kien ingannat jew frodat, ghax b'din tal-ahhar ikun ifisser li kien mentalment san sabiex jaghmel testment.

Il-Qorti tqis li tali sottomissjoni ma hiex legalment fondata. Ma hemm xejn kontradittorju meta wiehed jallega li persuna li hija milquta minn infermita mentali jew fizika tigi ingannata u frodata. Iz-zewg pretensjonijiet jistghu joqghodu flimkien minghajr ma joholqu dik il-konflittwalita' li tirrendi l-azzjoni attrici nulla.

Ikkunsidrat;

Jehtieg issa li l-Qorti tiddelibera din l-eccezzjoni fejn tikkontendi illi hemm konfuzzjoni u kontradittorjeta' bejn l-allegazzjoni li t-testatrici giet ingannata meta ffirmat it-testment ma' l-allegazzjoni parallela tal-atturi illi addirittura it-testment ma giex iffirmat mid-decujus u li allura l-firma hija falza.

Issir referenza ghas-sentenza citata mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fl-ismijiet **Mary Grech et vs. Maria Borg** (App Civ Nru 1238/2012) deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Marzu 2014.

Jehtieg li l-ewwel u qabel kollox jigi ccarat li t-talbiet tal-atturi f'dik il-kawza huma kompletament differenti mill-kaz odjern. Fl-ewwel talba ta' dik il-kawza qieghed jintalab li t-testment ghandu jigi kkunsidrat null "minhabba mard mentali li ppriva lit-testatur mill-pjeni poteri mentali tieghu u li rrenda lit-testatur inkapaci fil-mument tal-istess testment kif fuq premess u/jew subordinatament minhabba li t-testatur kien ta' mohh u ta' volonta` tant debboli li kien strument f'idejn l-intimata" u imbaghad fit-tielet talba qieghed jintalab jekk dan m'huwiex il-kaz allura il-Qorti ghandha "tiddikjara lill-intimata indenja u inkapaci li tircievi bis-sahha tal-imsemmi testment billi wetqet l-atti msemmija fl-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili". Fejn f'nifs qieghed jinghad li t-testatur ma kienx ta' mentalità sana sabiex jaghmel testment imma imbaghad qieghed jinghad li kien kapaci jaghmel testment izda hija l-konvenuta li ma tistax tiret minhabba wahda mir-ragunijiet imsemmija taht l-Artikolu 605 tal-Kapitolu 16. Il-Qorti tal-Appell irrikonoxxit li l-konflitt fit-talbiet m'huwiex fl-ewwel talba izda hija t-tielet talba fil-konfront tal-ewwel:

> "L-ewwel talba, ghalkemm bazata fuq zewg premessi, tista' ssegwi bhala talba peress li fiha l-atturi qed jitolbu l-istess haga, in-nullita` tat-testment, a bazi ta' gradi differenti tal-infermita mentali tad-decujus. Huma qed jallegaw illi t-testatur jew kien affett minn infermita mentali totali jew kien tant ta' volonta` debboli li kien "strument" f'idejn il-konvenuta. Persuna li hi biss "strument" f'idejn persuna ohra jonqos fiha l-volonta` necessarja biex taghti l-kunsens taghha ghal att impunjat. Bit-tielet talba pero` l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tinsa dan kollu u tghid li t-testatur kien mentalment

> kapaci, mohhu f'loku, izda gie ingannat. Hawn japplika l-principju *electa una via non datur recursus ad alteram*. Iz-zewg kawzali huma insanabbli ghax ma jistax ikun li t-testatur kien *sanis mentis* u mentalment inkapaci fl-istess hin."

Tirritjeni wkoll li

> "hawn mhux kaz fejn l-atturi qed jitolbu n-nullita` tat-testment ghal diversi ragunijiet (kif jidher kienu c-cirkostanzi tal-kaz **Pace v. Chircop** kkwotata mill-ewwel Qorti), izda fejn qed jigi allegat li t-testment hu null u validu fl-istess hin".

Sentenza f'kawza simili ghal dik odjerna hija dik fl-ismijiet **Anthony Scerri pro et noe vs. Richard Gauci** (Cit Nru 55/2002 JRM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fit-28 ta' Novembru 2002 fejn it-talbiet kienu jaqraw hekk:

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment tat-23 t'Awissu 2001 magħmul minn Anthony Nicholas Borg fl-atti tan-Nutar Antoine Agius huwa null minħabba li l-firma fuqu tat-testatur hija falża;
>
> 2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment imsemmi huwa null u ta' ebda effett legali minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-volonta' tal-istess testatur;"

Inghad hekk f'dik is-sentenza:-

> "Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur."
>
> [...]

> .......il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta' tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju. Il-qofol tad-diffikulta' li l-imħarrek il-ħin kollu jirreferi għaliha hu marbut essenzjalment mal-impossibilita' li ż-żewġ xenarji prospettati mill-atturi li fihom setgħet saret il-firma fuq it-testment jeliminaw il-waħda

Il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza **Rosalinda Rita Portelli et vs. Carmen Portelli** deciza fil-5 t'Ottubru 2018 ittrattat eccezzjoni ta' nullita' rigward talbiet identici bhal dawk fil-kawza odjerna u jekk dawn ghandhomx jigu kkunsidrati bhala kontradittorji. Il-Qorti tal-Appell ma sabitx illi talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li firma fuq testment hija falza u talba sabiex jigi dikjarat li t-testatur kien ingannat joholqu konflitt li jirrendi l-azzjoni nulla. Intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

> "15. It-tieni aggravju tal-konvenuta appellanti jirrigwarda l-fatt li l-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni (preliminari) tagħha li r-rikors ġuramentat huwa null minħabba l-allegata kontradittorjeta` bejn **l-ewwel** u t-**tielet** talbiet. L-ewwel eċċezzjoni taqra hekk (sottolinear ta' din il-qorti):
>
> "*Illi preliminarjament, hemm l-irritwalita` u konsegwenti nullita` ta' dan ir-rikors ġuramentat minħabba kontradittorjeta` fit-talbiet attriċi. Dan għaliex l-attriċi qegħda fuq naħa taġixxi billi ssostni li l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment tas-sebgħa (7) ta' Frar 2009 hija waħda falza, fl-istess waqt qed issostni li t-testatur kien preżenti waqt li sar dan it-testment iżda ma kienx jippossjedi l-fakoltajiet mentali kollha, u di piu` imbagħad tgħid ukoll li t-testatur kien imġiegħel jagħmel it-testment permezz ta' allegat qerq da parti tal-esponenti. Dan jimporta kunflitt u iktar minn kontradittorjeta` waħda gravi bejn l-ewwel talba u t-tielet talba ta' dan ir-rikors ġuramentat, liema kunflitti jġibu n-nullita` tal-istess rikors.*"
>
> 16. L-ewwel u t-tielet talbiet, li fuqhom hija bbażata din l-eċċezzjoni jaqraw hekk (sottolinear ta' din il-qorti):

"*(1) Tiddikjara falza l-firma tat-testatur li hemm fuq it-testment hawn fuq imsemmi li jiġib id-data tas-sebgħa (7) ta' Frar elfejn u disgħa (2009), atti Nutar Anthony Hili;*

…

*(3) Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ talbiet, tiddikjara li meta sar it-testment tas-7 ta' Frar 2009 fl-atti tan-Nutar Anthony Hili, l-imsemmi Saviour Portelli ma kienx jippossjedi l-fakoltajiet mentali tiegħu b'mod li ma setax japprezza dak li qiegħed jagħmel u/jew kien priv mill-volonta` libera tiegħu minħabba l-pressjoni prattikata fuqu mill-konvenuta Carmen Portelli li ġie mġiegħel minnha jagħmel testment, u ġie indott bil-qerq jaqta' lill-attriċi bint unika tiegħu mill-wirt tiegħu, u jagħmel lilha konvenuta eredi universali u proprjetarja assoluta ta' ġidu kollu.*"

17. Għaldaqstant il-kontradittorjeta` allegata mill-konvenuta tirrigwarda s-segwenti tlett xenarji kontemplati u allegati mill-attriċi appellata, u cioe:

(1) il-falsita` tal-firma fuq it-testment (cioe` l-firma fuq it-testment ma saritx minn Saviour Portelli);

(3a) in-nuqqas ta' kapaċita` mentali tat-testatur (cioe` l-firma saret minn Saviour Portelli iżda ma huwa ma kienx *sanis mentis*):

(3b) in-nuqqas ta' volonta` libera tat-testatur (cioe` l-firma saret minn Saviour Portelli li għalkemm kien *sanis mentis* iffirma għaliex saret pressjoni fuqu u kien ukoll imqarraq).

18. B'riferenza għall-allegata kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tielet talbiet din il-qorti tagħmel riferenza għall-kawża fl-ismijiet **Anthony Scerri et vs Richard Gauci**, u partikolarment id-deċiżjoni parzjali tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru 2002. (Fil-fatt l-attriċi appellata fil-11 ta' Ġunju 2018 ippreżentat nota li fiha għamlet riferenza għal din il-kawża partikolari). F'din il-kawża l-atturi kienu talbu li tiġi dikjarata n-nullita` ta' testment (i) minħabba li l-firma fuqu hija falza, u wkoll (ii) minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-kunsens tal-volonta` tat-testatur. Il-konvenut qajjem l-eċċezzjoni preliminari li l-kawża hija nulla għaliex il-kawżali u t-

talbiet huma kontradittorji. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni preliminari. Hija irriteniet hekk:

*"Illi f'dan il-każ joħroġ ċar li l-ilment tal-imħarrek ma jaqax fil-parametri ta' nuqqas proċedurali imma wieħed sostantiv. Dan jingħad għaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta' tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju. Il-qofol tad-diffikulta' li l-imħarrek il-ħin kollu jirreferi għaliha hu marbut essenzjalment mal-impossibilita` li ż-żewġ xenarji prospettati mill-atturi li fihom setgħet saret il-firma fuq it-testment jeliminaw il-waħda lill-oħra. Dan huwa minnu u jistqarruh l-atturi nfushom, imma r-riżultat tal-waħda u tal-oħra, jekk debitament pruvat, iwassal għall-istess effett fuq it-testment: jiġifieri t-tħassir tiegħu. Jekk dan l-argument jagħti id aktar b'saħħitha lill-imħarrek biex iżidha mad-difiża tiegħu fil-mertu, ma jġibx ukoll li b'daqshekk l-azzjoni attriċi ma tiswiex;"*

19. Għandu jingħad ukoll illi għalkemm it-tielet talba fiha nfisha tikkontempla żewġ kawżali differenti (li Saviour Portelli kien *sanis mentis* u wkoll li ma kienx *sanis mentis*) ma jfissirx li tali kawżali ma jistgħux ikunu kompatibbli għal xulxin. F'dan ir-rigward issir riferenza għal deċiżjoni riċenti mogħtija minn din il-qorti fil-kawża **Lorenza Bonnici et vs Maria Dolores Mifsud et** (2 ta' Marzu 2018) fejn ġie ritenut hekk:

*"L-ewwel Qorti kkummentat illi ż-żewġ kawżali huma opposti għal xulxin in kwantu l-ewwel waħda hija bbażata fuq l-allegazzjoni tal-inkapaċita, filwaqt li t-tieni waħda tippresupponi li kienet kapaċi tagħmel testment (libertas testandi) iżda kienet kondizzjonata……*

*Għalkemm il-kawżali ta' theddid tippresupponi l-kapaċita` tat-testatriċi li tagħmel testment, jibqa' l-fatt li fin-nuqqas li tiġi verifikata l-allegazzjoni tad-dimensja (ossia inkapaċita` mentali assoluta) fil-mument li ġie redatt it-testment, xorta waħda jista' jirriżulta indeboliment mentali u/jew fiżiku li seta' rrenda l-pożizzjoni tat-testatriċi aktar suxxettibbli għal theddid. Jidher li kien f'dan l-ispirtu li l-ewwel Qorti minkejja li kkummentat li l-*

*kawżali huma "opposti" għal xulxin, qisithom sanabbli u kompatibbli tant li qisithom it-tnejn alternattivi għal xulxin."*

Il-Qorti tabraccja dan l-insenjament u tikkonkludi illi l-azzjoni attrici ma hiex nulla bil-fatt li qed jintalab sew li l-firma fuq it-testment hija falza kif ukoll li d-decujus ma kenitx kapaci taghmel testment u kif ukoll li t-testment sar b'ingann, frodi, qerq, theddid u minacci. Jekk xi wahda mill-allegazzjonijiet tirrizulta fondata dejjem ser twassal ghall-istess rizultat li t-testment huwa null. Ghalhekk ma hux meqjus li t-talbiet huma kontradittorji ghal xulxin.

Ikkunsidrat;

**It-Tieni Eccezzjoni Preliminari**.

Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qeghdin jeccepixxu illi r-rikors promotur huwa null ghaliex hemm inkompatibilità guridika bejn l-ewwel, it-tieni u l-hames talba u dan ghaliex skond il-konvenuti ma tistax tigi kkontestata l-validità ta' testment imbaghad fl-istess nifs jintalab li jkun hemm immissjoni fil-pussess ai termini tal-istess testment.

Minn qari tat-talbiet attrici ma jidhirx li l-atturi fil-hames talba taghhom qed jitolbu li ssir l-immissjoni fil-pussess ai termini ta' testment. Huwa minnu li hu mistenni li l-immissjoni fil-pussess issir mill-werrieta izda kif inghad il-hames talba trid tinqara' flimkien mar-raba' talba fejn qed jintalab li l-partijiet kollha eccetto d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigu dikjarati werrieta.

Il-Qorti ma tirriskontra l-ebda nullita tar-rikors guramentat f'dan ir-rigward kif eccepiet mill-konvenuti.

Ikkunsidrat;

**It-Tielet Eccezzjoni**.

B'din l-eccezzjoni l-konvenuti qeghdin jishqu li huma ghandhom jinghataw l-fakultà li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri wara li jinghataw kjarifika tal-kawzali u tat-talbiet tal-atturi.

Din il-Qorti tqis li l-konvenuti, filwaqt li fehmu tajjeb il-kawzali u t-talbiet tal-atturi; ghandhom ragun rigward il-fatt li ma giex indikat mill-atturi minn min twettaq l-allegat frodi, qerq, ingann u/jew theddid. Ghal din ir-raguni l-Qorti sejra taghti terminu lill-atturi sabiex permezz ta' nota jindikaw min hi jew min huma dik / dawk il-persuna/i li wettqet/wettqu frodi, qerq, ingann u/jew theddid allegat.

Ikkunsidrat;

**Ir-Raba' Eccezzjoni**.

Ir-raba' eccezzjoni tirrigwarda l-fatt li l-atturi naqsu milli jindikaw l-ismijiet shah, kif ukoll tal-fatti u tal-provi li bi hsiebhom jaghmlu permezz tax-xhieda indikati minnhom u din giet sollevata ai termini tal-Artikolu 156 (4).

Il-konvenuti ghandhom ragun b'din l-eccezzjoni. Minn harsa lejn il-lista tax-xhieda wiehed mill-ewwel jinnota li kull ma gie indikat huma biss ismijiet tax-xhieda minghajr ma gew indikati x'fatti u xi prova bi hsiebhom iressqu. Ghalhekk din l-eccezzjoni sejra tintlaqa' u sejra takkorda terminu sabiex l-atturi jindikaw il-fatti u l-provi li bi hsiebhom jaghmlu bix-xhieda minnhom indikati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi kif gej:-

1. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Mary Grech et.

2. Tilqa' parzjalment it-tielet eccezzjoni u taghti lill-atturi ghoxrin jum millum sabiex b'nota jindikaw il-persuna jew il-persuni li skond huma ikkomettew dak minnhom allegat fil-premessi rigwardanti l-ewwel talba.

3. Tilqa' r-raba' eccezzjnoi u taghti lill-atturi ghoxrin jum millum sabiex b'nota jottemperaw ruhhom mad-dispost tal-Artikolu 156 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bil-mod kif fuq indikat.

   Bl-ispejjez rizervati ghas-sentenza finali.

   Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**